MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 364/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Cini Anthony (ID921646M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm325.35), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2189 5125 u 21689674;**
**Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm325.35) bl-imghax legali mit-8 ta’ Frar, 2005, u bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------